

Brussell, 28 ta' Jannar 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0273(COD)

5448/21
ADD 1 REV 1

CODEC 69
COMER 5
WTO 12

NOTA PUNT "I"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 654/2014 dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' regoli kummerċjali internazzjonali (l-ewwel qari) - Deċiżjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-konformità mad-dritt internazzjonali

Meta l-Unjoni tippreżenta tilwima skont il-Fehim dwar is-Soluzzjoni tat-Tilwim (Dispute Settlement Understanding, DSU) kontra Membru ieħor tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (World Trade Organization, WTO), il-Kummissjoni tagħmel kull sforz raġonevoli biex tikseb, kemm jista' jkun malajr, il-qbil ta' dak il-Membru li jirrikorri għall-arbitraġġ skont l-Artikolu 25 tad-DSU bħala proċedura ta' appell *interim*, li tippreserva l-karatteristiċi essenzjali tal-appelli quddiem il-Korp tal-Appell (il-"proċedura ta' arbitraġġ tal-appell"), sakemm il-Korp tal-Appell ma jkunx jista' jerġa' jibda bis-sħiħ il-funzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 17 tad-DSU.

Meta tadotta atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 3(aa) tar-Regolament, il-Kummissjoni tagħxi skont ir-rekwiżiti tal-liġi internazzjonali dwar kontromiżuri, kif ikkodifikati fl-Artikoli dwar ir-Responsabbiltà tal-Istati għal Atti Internazzjonali Ħżiena kif adottati mill-Kummissjoni tad-Dritt Internazzjonali.

B'mod partikolari, qabel ma tadotta atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 3(aa), il-Kummissjoni titlob lill-Membru tad-WTO kkonċernat biex jimplimenta s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-bord, tinnotifika lil dak il-Membru tad-WTO bl-intenzjoni tal-Unjoni li tiegħu kontromiżuri u ttenni r-rieda tagħha li tinneogzja soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku skont ir-rekwiżiti tad-DSU.

Meta atti ta' implimentazzjoni jkunu diġà ġew adottati skont l-Artikolu 3(aa), il-Kummissjoni tissospendi l-applikazzjoni tagħhom jekk il-Korp tal-Appell jerġa' jibda l-funzjonijiet tiegħu fir-rigward tal-każ ikkonċernat f'konformità mal-Artikolu 17 tad-DSU, jew jekk tinbeda proċedura ta' appell *interim*, dment li tali proċedura tiġi segwita *in bona fede*.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tilqa' l-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament Nru 654/2014.

Il-Kummissjoni tfakkar fid-Dikjarazzjoni li għamlet mal-adozzjoni tar-regolament oriġinali, fost l-oħrajn li l-atti ta' implimentazzjoni li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta jkunu mfassla fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u soġġetti għall-kontroll tal-Istati Membri. Fl-eżerċizzju ta' din is-setgħa, il-Kummissjoni beħsiebha taġixxi f'konformità mad-dikjarazzjoni magħmula mal-adozzjoni tar-regolament oriġinali kif ukoll ta' din id-Dikjarazzjoni.

Meta tnejn abbozzi ta' atti ta' implimentazzjoni li jaffettwaw il-kummerċ fis-servizzi jew aspetti relatati mal-kummerċ tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, il-Kummissjoni tfakkar fl-obbligi tagħha skont l-Artikolu 9(1a) u tikkonferma li twettaq konsultazzjonijiet intensivi minn qabel bil-ħsieb li tiżgura li l-interessi u l-implikazzjonijiet rilevanti kollha jkunu jistgħu jinġiebu għall-attenzjoni tal-Kummissjoni, kondiviżi mal-Istati Membri u jitqiesu kif xieraq fl-adozzjoni possibbli tal-miżuri. F'dawn il-konsultazzjonijiet, il-Kummissjoni tfittex u tistenna li tirċievi input minn partijiet ikkonċernati privati affettwati minn miżuri possibbli ta' politika kummerċjali li jkunu se jiġu adottati mill-Unjoni f'dawk l-oqsma. Bl-istess mod, il-Kummissjoni tfittex u tistenna li tirċievi input mill-awtoritajiet pubbliċi li jistgħu jkunu involuti jew affettwati mill-implimentazzjoni ta' miżuri ta' politika kummerċjali possibbli adottati mill-Unjoni.

Fil-każ ta' miżuri fl-oqsma tal-kummerċ fis-servizzi u l-aspetti relatati mal-kummerċ tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, jitqies kif xieraq, b'mod partikolari, il-kontribut mill-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri involuti fil-formulazzjoni jew l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni li tirregola l-oqsma affettwati, fit-tħejjija ta' abbozzi ta' atti ta' implimentazzjoni, fost l-oħrajn dwar kif miżuri ta' politika kummerċjali possibbli jinteraġixxu mal-leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea u dik nazzjonali. Bl-istess mod, partijiet ikkonċernati oħra affettwati minn tali miżuri ta' politika kummerċjali jingħataw l-opportunità li jifformulaw ir-rakkomandazzjonijiet u t-tħassib tagħhom fir-rigward tal-għażla u t-tfassil tal-miżuri li jkunu se jiġu adottati. Il-kummenti jiġu kondiviżi mal-Istati Membri meta jiġu adottati miżuri skont l-Artikolu 8 tar-Regolament. Ir-rieżami regolari ta' xi miżura bħal din imposta matul l-applikazzjoni tagħhom jew wara t-terminazzjoni tagħhom iqis bl-istess mod il-kontribut mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati privati fir-rigward tat-tħaddim ta' tali miżuri, u jippermetti li jsiru aġġustamenti jekk jinqalgħu problemi.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tafferma mill-ġdid li hija tagħti importanza kbira lill-iżgurar li r-Regolament ikun għodda effettiva u effiċjenti għall-infurzar tad-drittijiet tal-Unjoni skont il-ftehimiet kummerċjali internazzjonali, inkluż fil-qasam tal-kummerċ fis-servizzi u l-aspetti relatati mal-kummerċ tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Għalhekk, il-miżuri li għandhom jintgħażlu f'dawn l-oqsma jridu jiżguraw ukoll infurzar effettiv f'konformità mad-drittijiet tal-Unjoni, b'tali mod li jġibu konformità mill-pajjiż terz ikkonċernat u jkunu konsistenti mar-regoli internazzjonali applikabbli dwar it-tip ta' miżuri ta' infurzar permessi.

Stqarrija tal-Kummissjoni

Mal-adozzjoni tar-Regolament fl-2014, il-Kummissjoni impenjat ruħha għal komunikazzjoni effettiva u skambju ta' fehmiet mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill dwar tilwim kummerċjali li jista' jwassal għall-adozzjoni ta' miżuri skont ir-Regolament, u dwar azzjonijiet ta' infurzar b'mod ġenerali. Bl-għarfien tal-oġettiv ġenerali ta' infurzar effettiv u effiċjenti tad-drittijiet tal-Unjoni skont il-ftehimiet kummerċjali internazzjonali tal-Unjoni, il-Kummissjoni tkompli tippromwovi u tissimplifika l-interazzjonijiet tagħha mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill għall-benefiċċju reċiproku.

B'mod partikolari, il-Kummissjoni timpenja ruħha li teżamina, bħala parti mis-sistema msaħħa ta' infurzar tagħha, il-ksur allegat tal-ftehimiet kummerċjali internazzjonali tal-Unjoni meta jissemmew mill-Parlament, mill-Membri tiegħu, jew mill-Kumitati tiegħu, jew mill-Kunsill bil-fehim li tali talbiet ikunu akkumpanjati minn evidenza ta' sostenn. Il-Kummissjoni żżomm lill-Parlament u lill-Kunsill infurmati bir-riżultati tal-ħidma msaħħa tagħha ta' infurzar.

Meta tuża s-sistema msaħħa ta' infurzar, il-Kummissjoni tagħti l-istess attenzjoni lill-allegat ksur tad-dispożizzjonijiet dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE fir-rigward tal-allegat ksur tas-sistemi ta' aċċess għas-suq. L-iproċessar ta' allegat ksur ta' dispożizzjonijiet kummerċjali u sostenibbli jkun integrat bis-siġħ fis-sistema. Il-Kummissjoni tipprijoritizza dawk il-każijiet li jkunu partikolarment serji f'dak li hu l-effett tagħhom fuq il-ħaddiema jew l-ambjent f'kuntest kummerċjali, li għandhom importanza sistemika u li huma legalment sodi.

Il-Kummissjoni tkompli timpenja ruħha bis-siġħ f'sessjonijiet apposta mal-kumitat Parlamentari responsabbli biex tiskambja fehmiet dwar tilwim kummerċjali u azzjonijiet ta' infurzar, inkluż fir-rigward tal-impatti fuq l-industriji tal-Unjoni. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tkompli l-prattika ta' rappurtar tagħha billi perjodikament tipprovdi s-sitwazzjoni attwali dwar it-tilwim pendenti kollu u informazzjoni istantanja għal żviluppi maġġuri fir-rigward tat-tilwim fl-istess ħin li tali informazzjoni tiġi kondiviża mal-Istati Membri. Dan ir-rapportar u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni jsiru permezz tal-kumitati responsabbli fil-Kunsill u fil-Parlament.

Fl-istess ħin, il-Kummissjoni tkompli żżomm lill-Parlament u lill-Kunsill regolarment infurmati dwar żviluppi internazzjonali li jistgħu jwasslu għal sitwazzjonijiet li jeħtieġu l-adozzjoni ta' miżuri skont ir-Regolament.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tafferma mill-ġdid l-impenji tagħha skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tibgħat minnufih lill-Parlament u lill-Kunsill l-abbozzi tal-atti ta' implimentazzjoni li hija tippreżenta lill-kumitat tal-Istati Membri kif ukoll l-abbozzi finali tal-atti ta' implimentazzjoni wara l-għoti tal-opinjoni fil-kumitat. Dan huwa ġestit permezz tar-reġistru tal-komitoloġija.